MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 1/2022 LM

**Miriam Attard (K.I. 230173M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Miriam Attard (K.I. 230173M)**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tas-17 ta' Jannar, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']. Bid-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru ċaħad l-appell tar-rikorrenti u kkonferma d-deċiżjoni tal-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'l-appellat'] tas-16 ta' Jannar, 2020, u b'hekk ġie deċiż li r-rikorrenti

kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €11,364.83 f'Għajnuna Soċjali li rċeviet mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-perijodu bejn it-2 ta' Diċembru, 2017 u l-10 ta' Jannar, 2020, liema ammont għandu jiġi rifuż lid-Direttur Ġenerali intimat.

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali intimat lir-rikorrenti fis-16 ta' Jannar, 2020, dan infurmaha li rriżultalu li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €11,364.83 f'Għajnuna Soċjali li rċeviet mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-perijodu bejn it-2 ta' Diċembru, 2017 u l-10 ta' Jannar, 2020.

3. Permezz tal-appell tagħha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti qalet li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tagħha tista' tfisser rovina finanzjarja għaliha, u sostniet li din id-deċiżjoni ttieħdet b'ċerta leġġerezza minkejja li jista' jkollha konsegwenzi mill-aktar serji għaliha. Qalet li l-ittra mibgħuta lilha mid-Dipartiment ġġib id-data tas-16 ta' Jannar, 2020 iżda jirriżulta li ġiet impustata fil-21 ta' Jannar, 2020, l-ittra mhix iffirmata, u fl-ittra m'hemmx spjegat ċar x'inhi r-raġuni għad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat. Ir-rikorrenti qalet li ladarba mill-ittra ma jirriżultax għal liema raġuni ttieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tagħha, huwa impossibbli għaliha li timmotiva r-rikors tal-appell kif suppost, għalkemm żiedet tgħid li l-avukat difensur tagħha pprova jindaga għal liema raġuni ttieħdet din id-deċiżjoni fil-konfront tagħha, u dan ġie mgħarraf li xi uffiċjali tad-Dipartiment għamlu spezzjoni fid-dar tar-

rikorrenti u sabu ħwejjeġ ta' persuna maskili. Ir-rikorrenti qalet li fid-dar magħha jgħix binha ta' 18-il sena, u dan iżomm ħwejġu fi gwardarobba fid-dar tagħha. Ir-rikorrenti qalet li jekk il-bażi tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat hija li fid-dar tagħha nstabu ħwejjeġ ta' persuna maskili, din id-deċiżjoni hija monka għaliex huwa ovvju li fil-fond fejn tgħix hi hemm il-ħwejjeġ ta' binha li jgħix magħha.

**<u>Mertu</u>**

4. Fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-appell tar-rikorrenti, id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li l-Għajnuna Soċjali lir-rikorrenti ġiet imwaqqfa għaliex kien sar rapport mid-Direttorat tal-Osservanza tal-Benefiċċji u d-Direttur Ġenerali ma kienx sodisfatt li r-rikorrenti ma kinitx qiegħda taħdem.

5. Quddiem l-Arbitru ġiet ippreżentata kopja tar-rapport investigattiv kunfidenzjali redatt wara l-ispezzjoni li saret fir-residenza tar-rikorrenti. Jirriżulta minn dan ir-rapport li l-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti skattat wara li sar rapport anonimu fejn ingħad li r-rikorrenti mhijiex tgħix fl-indirizz li għandha ddikjarat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, iżda qegħda tgħix mas-sieħeb tagħha f'dar oħra, u qegħda taħdem billi tagħmel xi xogħol tal-*Playmobil,* liema xogħol hija tiddikjara f'isem ħutha. Waqt l-ispezzjoni li saret fid-dar tar-rikorrenti, hija qalet li jgħix magħha fl-istess dar hemm binha Grant. L-ispetturi nnutaw fir-rapport tagħhom li minkejja li fid-dar tar-rikorrenti nstabu ħwejjeġ li jintużaw minn persuna maskili ta' 18-il sena, l-età li għandu t-tifel tar-rikorrenti, madanakollu l-ammont ta' ħwejjeġ li nstabu ma kienx

daqstant sostanzjali, u għalhekk tqanqlu dubji dwar kemm l-indirizz indikat mir-rikorrenti jintuża b'mod permanenti u regolari. L-ispetturi nnutaw ukoll li fil-*fridge* tad-dar tar-rikorrenti kien hemm biss xi fliexken tal-ilma, filwaqt li l-*freezer* kienet kompletament vojta, u r-rikorrenti ppruvat tiġġustifika dan billi qalet li diversi drabi hi u t-tifel tagħha jieklu għand il-ġenituri tagħha, filwaqt li ma ċaħditx li xi drabi tkun għand is-sieħeb tagħha li joqgħod Ħaż-Żabbar. Minn dan ir-rapport jirriżulta li waqt l-ispezzjoni, l-ispetturi tad-Direttorat ikkonfrontaw lir-rikorrenti bl-informazzjoni li hija qegħda taħdem billi tgħaqqad il-pupi tal-*Playmobil,* u r-rikorrenti ammettiet li dan huwa minnu, filwaqt li qalet li hija ma tistax tgħaddi bil-flus tar-*relief* biss. Kien għalhekk li d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ddeċieda li r-rikorrenti mhijiex tosserva l-provvedimenti tal-Kap. 318 għal dak illi għandu x'jaqsam mal-intitolament għall-Għajnuna Soċjali u l-Benefiċċju tal-Enerġija, għaliex hija naqset milli tinforma lid-Dipartiment li tinsab f'impjieg.

6. Quddiem l-Arbitru r-rikorrenti **Miriam Attard** xehdet li oħtha Josephine Scicluna hija rreġistrata mal-kumpannija Playmobil, u hija qatt ma qalgħet flus mix-xogħol tat-twaħħil tal-pupi. Spjegat li oħtha ġieli kienet tħalli x-xogħol fid-dar tal-ġenituri tagħhom, u hija kienet tqatta' ftit ħin tgħaqqad dawn il-pupi waqt li tkun għand ommha. Qalet li hija qatt ma talbet xejn lil oħtha għal dan ix-xogħol, għalkemm oħtha minn jeddha kienet tixtrilha xi affarijiet. Ir-rikorrenti qalet ukoll li mhux minnu li hija ammettiet mal-ispetturi tad-Dipartiment li hija kienet tagħmel dan ix-xogħol għall-flus.

7. **Josephine Scicluna**, oħt ir-rikorrenti, fix-xhieda tagħha qalet li xogħolha primarjament huwa ma' Sterling Holdings Limited, u x-xogħol tal-*Playmobil*

tagħmlu wara l-ħin tax-xogħol. Qalet li hija ġieli tħalli dan ix-xogħol id-dar tal-ġenituri tagħha u oħtha toqgħod tgħaqqad il-pupi hi, għalkemm żiedet tgħid li oħtha qatt ma ppretendiet ħlas għal dan ix-xogħol.

## **<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Jannar, 2022, l-Arbitru ċaħad l-appell tar-rikorrenti, u kkonferma d-deċiżjoni tal-intimat Direttur Ġenerali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra s-segwenti:***
>
> *Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mid-DSS datata 16.1.20 fejn id-DSS kien informa lill-appellanta li tħallset żejjed l-ammont ta' €11,364.83ċ f'għajnuna soċjali għall-perijodu bejn 2.12.17 sa 10.1.20.*
>
> *L-appellanta stqarret li fl-ewwel lok l-ittra hija datata 16 ta' Jannar, 2020 u ġiet impustata fil-21.1.20; l-ittra mhix iffirmata; u ma ngħatatx raġuni għad-deċiżjoni meħuda u għalhekk id-deċiżjoni hija waħda nulla. In oltre, fil-mertu, hija qalet illi, li skont kif ġie mgħarraf l-avukat tagħha, wara spezzjoni li saret fid-dar residenzjali tagħha, instabu ħwejjeġ ta' persuna maskili mentri dawn kienu tat-tifel tagħha li jismu Grant u li effettivament kien qed jgħix magħha.*
>
> *Id-DSS irrisponda fis-sens li l-appellanta tilfet dan il-benefiċċju għaliex id-Dipartiment ma kienx sodisfatt illi l-appellanta ma kenitx qed taħdem.*
>
> ***Ikkunsidra:***
>
> *Illi xehdet Caroline Vella li esebiet kopja tar-rapport investigattiv u qalet illi kienet saret spezzjoni fir-residenza tal-appellanta però ma kien irriżulta xejn ħlief illi meta l-appellanta ġiet mistoqsija jekk hi kenitx qed tgħaqqad il-pupi tal-Playmobil għal dawn l-aħħar tliet snin (liema mistoqsija saret abbażi ta' xi rapport anonimu f'dan ir-rigward) hi qalet illi iva u kienet iġġib il-pupi f'isem oħtha, però waqt iż-żjara ma ġew osservati l-ebda pupi mill-Ispetturi. Meta l-ispettorat ta l-parir lill-appellanta sabiex tirregola l-pożizzjoni tagħha hi qalet li "*jekk tridu taqtgħuli r-*relief* aqtgħuh". *Ġie*

*nnotat li oħt l-appellanta kien jisimha Josephine Scicluna però ma sar l-ebda stħarriġ mas-soċjetà Playmobil dwar dan min-naħa tal-investigaturi.*

*Illi xehdet l-appellanta li qalet illi oħtha hija reġistrata mas-soċjetà Eltraf Limited li huma sub-contractors tal-Playmobil. Qalet illi oħtha kienet tħalli kaxxa Playmobil għand ommha u hi kienet taħdimhom hemmhekk sakemm tieħu bela' te' ma' ommha. Lil oħtha qatt ma talbitha xejn però din, minn jeddha, kienet tixtrilha xi xirja jew xi top però hi ma kienet titlobha xejn.*

*Illi xehdet Josephine Scicluna li qalet illi hi kienet oħt l-appellanta u hi kienet irreġistrata ma' soċjetà bl-isem ta' Eltraf u tramite din is-soċjetà kienet taħdem xi pupi tal-Playmobil. Hi ppreżentat tliet dokumenti li juri l-qliegħ annwali tagħha minn dan ix-xogħol. Hi qalet illi ġieli kien il-każ illi kienet tħalli xi xogħol għand ommha sabiex oħtha, meta tkun hemm, tgħaqqad il-pupi hi. Hi qalet illi oħtha qatt ma ppretendiet ħlas għal dan però meta din ikollha bżonn xi ħaġa, bħal per eżempju xirja, kienet tixtrihielha.*

***Ikkunsidra:***

*Illi dwar l-aggravju tal-appellanta dwar in-nullità tad-deċiżjoni minħabba:*

***(i) il-fatt illi l-ittra hija datata 16 ta' Jannar, 2020 mentri ġiet impustata fl-20 ta' Jannar, 2020****, l-Arbitru ma jqisx illi dan l-aggravju, huwa fondat – fis-sens illi verament illi dan jirriżulta però dan ċertament ma jġibx in-nullità tad-deċiżjoni u dan għaliex kwalunkwe terminu tal-appell skont il-liġi jibda jiddekorri minn meta dak li jkun ikkomunikat id-deċiżjoni u mhux minn meta tinħareġ u għalhekk l-appellanta ma sofriet l-ebda preġudizzju minħabba dan;*
***(ii) Il-fatt li l-ittra mhix iffirmata l-Arbitru ma jqisx illi dan l-aggravju huwa fondat –*** *fis-sens illi, għal darb'oħra, verament illi dan jirriżulta però dan ċertament ma jġibx in-nullità tad-deċiżjoni u dana għaliex ma jirriżultax illi l-firma tad-direttur huwa rekwiżit* ad validitatem *għall-ħruġ ta' deċiżjoni ai termini tal-Kap. 318 – inoltre mhemmx dubju illi d-deċiżjoni de quo ttieħdet mid-DSS.*
***(iii) Il-fatt li d-deċiżjoni ma tagħtix raġuni tal-bażi tagħha.*** *Jidher illi dan l-aggravju huwa wieħed parzjalment fondat fis-sens illi bħala raġuni għad-deċiżjoni jingħad illi "*Id-Direttur mhux sodisfatt li ...*" u jieqaf hemm u dana mingħajr ma jgħid ta' xhiex id-Direttur ma kienx sodisfatt. Il-preġudizzju għal dan jirriżulta bil-mod li ġie impustat l-appell, fis-sens illi l-appell ma jagħmel l-ebda aċċenn għal mertu proprju ta' din il-vertenza. Fil-fatt l-ewwel aċċenn għall-fatt illi d-deċiżjoni appellata ttieħdet għaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt illi l-appellanta ma kinitx qed taħdem sar fir-risposta għall-appell min-naħa tal-istess DSS. Fl-ewwel seduta ngħatat kopja tar-rapport tad-DSS lill-appellanti u kif ukoll kopja tar-rapport investigattiv ta' Caroline Vella li kienet*

*xehdet f'dik is-seduta u b'hekk, f'dak il-punt, kien ċar dwar x'kien ir-raġuni tad-deċiżjoni. Fil-fatt l-appellanta fis-seduta ta' wara kienet xehdet u xhieda tagħha ffukat fuq dan il-punt (ossia dwar il-kwistjoni tal-pupi tal-Playmobil) u saħansitra ressqet lil oħtha bħala xhud dwar il-kwistjoni tal-pupi tal-Playmobil.*

*L-Arbitru jirrileva illi filwaqt li huwa minnu illi d-deċiżjoni m'għamlet l-ebda aċċenn għal dan, il-pożizzjoni tal-appellanta ma ġietx ippreġudikata sal-punt li għandhom iwasslu għan-nullità tad-deċiżjoni appellata. Effettivament fl-ewwel seduta ġie mgħarraf bir-risposta tad-DSS fejn il-pożizzjoni tal-istess DSS kien ċar u ngħatat kopja tal-istess risposta u tar-rapport investigattiv u ngħatat ukoll differiment sabiex tirregola ruħha dwar il-provi tagħha sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha dwar din l-allegazzjoni speċifika – ħaġa li effettivament għamlet fis-seduta ta' wara fejn ressqet żewġ xhieda f'dan ir-rigward (inkluż l-appellanta stess). Għalhekk l-appellanta ma ġietx ippreġudikata sal-grad li għandu jwassal għal nullità tad-deċiżjoni u dana għaliex hi ngħatat l-opportunità kollha sabiex tiddefendi lilha nnifisha minn din l-allegazzjoni bl-aktar mod ampju – liema difiża sejra tittieħed in konsiderazzjoni f'din id-deċiżjoni. Minkejja dan id-DSS għandu jkun iktar attent u jieħu ħsieb illi lapsus bħal dawn ma jiġrux fil-futur. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.*

***Ikkunsidra:***

*Dwar il-mertu, essenzjalment meta l-appellanta ġiet mistoqsija jekk hi kinitx qed tagħmel xi xogħol in konnessjoni mal-pupi tal-Playmobil għall-aħħar tliet snin hi qalet illi "*Iwa mela, jien mhux ħa nigdeb, inkella kif ħa ngħaddi bir-relief, kieku inti tgħaddi bir-relief biss?" *madanakollu qalet illi kienet ilha tagħmel dan xi sentejn. Imbagħad qalet ukoll "*jekk tridu taqtgħuli r-relief aqtgħuh".

*Quddiem l-Arbitru, l-appellanta kkonfermat illi hi kienet qed tgħaqqad dawn il-pupi (permezz tar-relazzjoni li kellha oħtha mas-soċjetà Elfrem) madanakollu hi qalet illi qatt ma talbet lil oħtha għal kumpens u ġieli però oħtha, minn jeddha kienet tixtrilha xi xirja jew xi ħaġa li jkollha bżonn in kontro-kambju. Josephine Scicluna kkonfermat dina l-pożizzjoni u qalet illi ma kenitx tonfoq iżjed minn €400 fis-sena f'affarijiet għal oħtha.*

***Ikkunsidra:***

*Kif dejjem għamel f'ċirkostanzi simili, l-Arbitru se jagħti ċertu piż lil dak li ġie kkonstatat* a tempo vergine *mill-Ispetturi. Jirriżulta li mhux kontestat illi verament l-appellanta kienet qed tgħaqqad il-pupi tal-Playmobil però skont l-appellanta dina kienet qed tagħmlu b'xejn u mingħajr ma tippretendi xi ħlas mentri oħtha minn jeddha (u milli jidher in kontro-kambju għal dan) kienet tixtrilha xi xirja. Mentri min-naħa l-*

*oħra fil-ħin tal-ispezzjoni l-appellanta qalet skjettament illi "*Iwa mela, jien mhux ħa nigdeb, inkella kif ħa ngħaddi bir-*relief,* kieku inti tgħaddi bir-*relief* biss?" *dan iġiegħel l-Arbitru jaħseb illi permezz ta' dan ix-xogħol u dak li kienet tirċievi għal dak li kienet tagħmel (u għalhekk ma kenitx qed tagħmlu b'xejn) hi kienet qed tissupplimenta dak li kienet qed tirċievi mingħand id-DSS għaliex bl-għajnuna soċjali biss, skont hi, ma kenitx tgħaddi – madanakollu, dan huwa projbit fis-sens illi persuna li qed tirċievi l-għajnuna soċjali ma tridx tkun qed taħdem bi qliegħ (hu x'inhu l-qliegħ), kif kienet qed tagħmel l-appellanta f'dan il-każ.*

*Fid-dawl ta' dan l-Arbitru jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni appellata."*

## L-Appell

9. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat minnha fl-4 ta' Frar, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Arbitru tas-17 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet premessi, tilqa' l-appell intavolat mill-appellanta, u tiddikjara li l-appellanta m'għandhiex għalfejn tirrifondi l-ebda ammont lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

10. L-appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex fl-ittra mibgħuta lilha mid-Direttur Ġenerali appellat, hija ma kinitx ġiet infurmata għal liema raġuni hija kienet qegħda tintalab tirrifondi l-flus, u minħabba f'dan in-nuqqas tad-Direttur Ġenerali hija kienet fl-impossibilità li tħejji appell effettiv. L-appellanta żiedet li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ma kinitx dwar ammont insinifikanti, iżda dwar €11,364.84, li għal persuna li tgħix fuq l-assistenza soċjali tista' twassal għal sitwazzjoni ta' faqar. Qalet li l-fatt huwa li nħareġ avviż b'deċiżjoni daqstant gravi mingħajr ma ġie ffirmat u mingħajr ma hija ngħatat l-iċken indikazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn qegħda tintalab tirrifondi l-flus, bi preġudizzju għaliha. Qalet ukoll li minkejja li

l-ittra li ntbagħtet lilha hija *template,* li jipprovdi l-ispazju appożitu fejn titniżżel ir-raġuni għat-talba ta' rifużjoni, ma ġiet indikata ebda raġuni, fattur dan li jindika l-leġġerezza li biha d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ttratta l-każ tagħha. L-appellanta qalet li dan in-nuqqas ta' raġuni kien ta' preġudizzju għaliha biex setgħet tħejji l-appell tagħha, u meta hi u l-avukat tagħha ppruvaw jindagaw dwar ir-raġuni għalfejn kienet intalbet tirrifondi l-flus lura, ir-raġuni li ngħatat mid-Dipartiment kienet li hija qegħda tikkoabita ma' xi ħadd. Qalet li konsegwenza ta' din il-miżinformazzjoni, hija ma setgħetx tipprepara appell bi gravami fil-mertu, u kellha għalhekk tillimita l-appell tagħha għall-aggravji proċedurali u preliminari.

11. L-appellanta qalet li l-aggravju kellu jkun ċar għall-Arbitru, madankollu iddeċieda li l-appell kien biss parzjalment fondat. L-appellanta qalet li l-Arbitru, wara li kkonsidra li kien nuqqas tad-Direttur Ġenerali appellat li ma ressaq ebda gravami fil-mertu, xorta waħda ddeċieda li l-appell fil-mertu huwa illoġiku u kontradittorju għall-konsiderazzjoni tiegħu stess. Qalet ukoll li ladarba l-Arbitru kkonkluda li n-nuqqas tad-Direttur Ġenerali ġab lill-appellanta f'sitwazzjoni fejn hija ma setgħetx tagħmel aċċenn għall-mertu veru ta' din il-vertenza, l-Arbitru ma seta' qatt jilqa' aggravju ineżistenti, u l-appell għalhekk ma seta' qatt jirnexxi fil-mertu.

12. L-appellanta qalet li l-Arbitru kkonkluda li ladarba fl-ewwel seduta ngħatat ir-Risposta tad-Direttur Ġenerali, fejn ingħad li huwa ma setax ikun sodisfatt li l-appellanta mhijiex taħdem, u hija ngħatat kopja tar-rapport investigattiv li sar dwarha, il-pożizzjoni tal-appellanta ma ġietx ippreġudikata sal-punt li d-deċiżjoni appellata għandha titqies li hija nulla. Qalet li dan mhux

minnu, għaliex fl-istadju tas-smigħ tal-appell quddiem l-Arbitru, hija ma setgħetx tressaq gravami ġodda, u ma kienx possibbli għaliha li tressaq aggravji fil-mertu, billi d-Direttur Ġenerali appellat naqas milli jagħti tagħrif dwar kif u għaliex kien wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Tgħid ukoll li l-appell ma jagħmel ebda aċċenn għall-mertu veru tal-vertenza, u hija ma setgħetx tressaq aggravji ġodda oltre dawk li għamlet fl-appell formali tagħha. Qalet li filwaqt li l-Arbitru kkonkluda li dan ma kienx ta' preġudizzju għaliha, hija mhux biss sfat preġudikata, iżda qegħda wkoll fl-impossibilità li tressaq appell dwar il-mertu.

13. L-appellanta qalet ukoll li l-provi mressqa fil-mertu mid-Direttur Ġenerali appellat, ma jwasslux għal prova. Qalet li l-investigazzjoni fil-konfront tagħha inbdiet għaliex xi ħadd għamel rapport b'mod anonimu, u wara li saret tfittxija intensiva fil-fond tagħha, ġie stabbilit li hija qegħda tuża dan il-fond b'mod regolari, u f'din it-tfittxija ma nstabu l-ebda pupi jew biċċiet tal-*Playmobil.* L-appellanta qalet li fir-rapport investigattiv esebit hemm kitba fit-tul dwar l-allegazzjoni li hija qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha, u r-rapport jenfasizza wkoll li hija kkoperat mal-uffiċjali sabiex tipprova li l-allegazzjoni li saret fil-konfront tagħha mhijiex veritiera. L-appellanta qalet li minn dan ir-rapport ma jidher li nstabet l-ebda prova la li hija tgħix mas-sieħeb tagħha u lanqas li hija taħdem billi tgħaqqad il-pupi tal-*Playmobil,* u d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat jidher li kienet ibbażata fuq ammissjoni tagħha. L-appellanta qalet li fix-xhieda tagħha, li kienet korroborata mix-xhieda ta' oħtha Josephine Scicluna, ġie spjegat li hija oħtha li tagħmel xogħol tal-*Playmobil,* u hija ġieli tkun għand ommha u toqgħod tgħaqqad il-biċċiet tal-pupi, u hija la qatt kienet impjegata u lanqas talbet kumpens lil oħtha għal dan ix-xogħol, għalkemm ammettiet li

oħtha ġieli tixtrilha xi ikel u ħwejjeġ bħala kumpens għal dan ix-xogħol. L-appellanta qalet ukoll li dak li suppost huwa kliem '*verbatim*' ikkwotat fir-rapport investigattiv esebit, ittieħed barra mill-kuntest, u huwa kliem meħud minn biċċiet ta' konverżazzjoni distakkati u kkwotati *out of context.*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li r-rikors tal-appell tal-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex jirriżulta li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap. 318 wara li għarbel il-provi kollha tal-każ skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u tal-ekwità, u għalhekk tali deċiżjoni għandha tiġi kkonfermata.

15. L-appellat għamel riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta fejn din qalet li hija min-naħa tagħha ma setgħetx tipprepara appell effettiv għaliex hija ma ġietx infurmata għal liema raġuni kienet qegħda tiġi mitluba tirrifondi l-flus lid-Direttur Ġenerali appellat. L-appellat qal li dan l-aggravju huwa infondat għaliex it-Taqsima VIII tal-Kap. 318, li tirregola speċifikament '*Deċiżjoni dwar Talbiet u Kwistjonijiet',* ma tispeċifikax b'liema mod id-Direttur Ġenerali għandu jifforma u/jew jibgħat id-deċiżjonijiet tiegħu. Qal li f'ċirkostanzi bħal dawn għandha tapplika l-massima *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit.* L-appellat spjega li f'ittra datata 28 ta' Jannar, 2020, l-appellanta ressqet żewġ aggravji, wieħed dwar in-nullità tad-deċiżjoni u ieħor dwar il-mertu tad-deċiżjoni. Fl-ittra tagħha l-appellanta għamlet riferiment għall-fatt li fir-residenza tagħha nstabu ħwejjeġ ta' persuna maskili, iżda l-appellat qal li fl-ewwel seduta li nżammet quddiem l-Arbitru ġiet spjegata ir-raġuni għalfejn l-għajnuna soċjali li kienet tirċievi l-

appellanta ġiet imwaqqfa. Qal li għalhekk fir-risposta tal-appell ippreżentata minnu, jirriżulta li l-appellanta ngħatat ir-raġunijiet kollha abbażi ta' xiex hija qegħda tintalab tirrifondi l-benefiċċju li ngħatat. Qal li kien id-Dipartiment li beda jressaq il-provi quddiem l-Arbitru, u għalhekk l-appellanta kellha l-opportunità li tara xi provi ressaq id-Dipartiment, qabel ressqet il-provi tagħha. Qal li minkejja li l-appellanta tgħid li fl-istadju tal-appell hija ma setgħetx tressaq gravami ġodda, mill-atti ma jirriżultax li l-appellanta talbet li tressaq aggravji fil-mertu, u hija ngħatat opportunità tirregola ruħha dwar il-provi, tant hu hekk li ngħatat differiment sabiex tressaq il-provi tagħha, wara li d-Dipartiment spjega għal liema raġuni l-appellanta qegħda tintalab tirrifondi l-għajnuna soċjali mħallsa lilha.

16. L-appellat qal li fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2021 quddiem l-Arbitru, l-appellanta talbet żmien sabiex tirregola ruħha dwar il-provi tagħha, u dan id-differiment kien ingħata. L-appellat qal li l-pożizzjoni tal-appellanta ma ġietx ippreġudikata, tant hu hekk li hija ngħatat l-opportunità li titla' tixhed u xehdet anki oħtha, u t-tnejn li huma xehdu dwar il-mertu, u għalhekk ma jistax jitqies li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tas-16 ta' Jannar, 2020 hija nulla. L-appellat qal li anki f'każ li jirriżulta li l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell li sar minnha quddiem l-Arbitru ma kienx jagħmel riferiment għar-raġunijiet vera u proprji għalfejn qegħda tintalab ir-rifużjoni, mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li l-Arbitru ma qiesx biss l-aggravji mressqa fl-appell tal-appellanta, iżda anke d-difiża tagħha. Qal ukoll li l-fatt li l-ittra tas-16 ta' Jannar, 2020 bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ma kinitx iffirmata, ma jfissirx li d-deċiżjoni mogħtija hija nulla.

17. L-appellat qal li min-naħa tiegħu huwa jaqbel mal-konsiderazzjonijiet li għamel l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, jiġifieri li għandu jirriżulta li l-appellanta ma ġietx ippreġudikata bil-fatt li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ma indikax minn xhiex ma kienx sodisfatt. Qal li minkejja li l-appell quddiem l-Arbitru għar-rigward tal-aggravju fil-mertu ma kienx dwar ir-raġuni proprja li abbażi tagħha ntalbet ir-rifużjoni, jirriżulta li quddiem l-Arbitru l-appellanta xorta waħda ngħatat l-opportunità li tressaq il-provi tagħha. L-appellat qal li fil-fatt id-deċiżjoni tal-Arbitru ma kinitx ibbażata biss fuq il-kontenut tar-rikors tal-appell tal-appellanta, iżda l-Arbitru qies il-provi kollha, inklużi dawk miġjubin mill-appellanta stess. L-appellat qal li għalhekk mhux biss l-ittra tiegħu tas-16 ta' Jannar, 2020 mhijiex nulla, iżda m'hemm xejn illoġiku u kontradittorju fid-deċiżjoni tal-Arbitru.

18. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li permezz tal-aggravju tal-appellanta li l-provi mressqa minnu ma jammontawx għall-prova, l-appellanta qegħda titlob li jsir ri-eżami tal-provi li tressqu quddiem l-Arbitru. L-appellat qal li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza biex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi li ġew eżaminati mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u l-Arbitru rispettivament, għaliex din il-Qorti m'għandhiex tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Arbitru, ħlief għal raġunijiet gravi meta d-diskrezzjoni tal-Arbitru tkun ġiet eżerċitata b'mod manifestement ħażin. Qal li għalhekk din il-Qorti ta' reviżjoni ma tistax terġa' tidħol fil-valutazzjoni tal-provi b'mod kapriċċjuż jew għal raġunijiet superfluwi, u l-appellanta ma pprovdietx lil din il-Qorti b'raġuni valida li għandha twassalha biex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi. Qal li fi kwalunkwe każ, l-appellanta hija skorretta għall-aħħar meta tgħid li l-

provi mressqa mid-Direttur Ġenerali fil-mertu ma jammontawx għal prova, għaliex l-Arbitru ma straħx fuq rapport anonimu, iżda fuq ir-riżultanzi ta' investigazzjoni u provi ammissibbli. Qal li l-Arbitru kellu għad-dispożizzjoni tiegħu kopja tar-rapport investigattiv li sar, fejn ġie stabbilit li l-appellanta naqset li tinforma lid-Dipartiment li hija għandha impjieg. Qal li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellanta, li dak li ntqal minnha ttieħed barra mill-kuntest tiegħu, mhuwiex minnu, għaliex il-kliem tal-appellanta kif rapportat fir-rapport investigattiv huwa ċar, u ma jħalli l-ebda lok għall-interpretazzjoni. L-appellat qal li l-Arbitru ma setax ma jistrieħx fuq ammissjoni *verbatim* tal-appellanta li hija kienet qegħda taħdem billi tgħaqqad il-pupi tal-*Playmobil.* L-appellat għamel riferiment għax-xhieda tal-appellanta u ta' oħtha, kif ukoll għall-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru f'dan ir-rigward, u qal li fil-każ odjern huwa ma jara l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tiddistakka ruħha mill-konklużjoni raġġunta fid-deċiżjoni tal-Arbitru. L-appellat qal li fil-każ odjern m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-appellanta kienet qegħda taħdem bi qliegħ, u minkejja li fl-ispezzjoni ma nstabux pupi tal-*Playmobil,* l-ammissjoni tal-appellanta ma tħalli l-ebda dubju li hija kienet qegħda taħdem bi qliegħ. Qal ukoll li l-appellanta mhijiex kredibbli meta tgħid li hija kienet tagħmel dan ix-xogħol b'xejn, partikolarment meta lill-Ispettur din staqsietu jekk huwa jgħaddix bl-għajnuna soċjali biss. L-appellat qal li anki li kieku għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu jqis li l-qliegħ jikkonsisti biss f'xirjiet li kienet tagħmlilha oħtha, dan xorta waħda huwa mod kif l-appellanta kienet qegħda tissupplimenta l-għajnuna soċjali li tirċievi, u dan ukoll huwa projbit. L-appellat qal li d-deċiżjonijiet li ttieħdu kemm mill-Arbitru kif ukoll minnu, huma ġusti u ekwi fil-liġi tagħna u jimmeritaw konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet tiegħu. Fi ftit kliem l-appellanta mhijiex taqbel li għandha tirrifondi l-ammont ta' €11,364.83 li tħallset lilha f'Għajnuna Soċjali bejn l-2017 u l-2020, wara li lid-Direttur Ġenerali appellat irriżultalu li din qiegħda tagħmel xi 'xogħol' billi tgħaqqad il-pupi tal-*Playmobil.*

*L-ewwel aggravju:* *[l-ittra mibgħuta lill-appellanta]*

20. L-appellanta tibbaża l-ewwel aggravju tagħha fuq il-fatt li fil-fehma tagħha l-ittra li ntbagħtet lilha mid-Direttur Ġenerali appellat hija nulla u mingħajr effett, stante li din l-ittra kienet nieqsa mill-motivazzjoni li abbażi tagħha d-Direttur Ġenerali appellat ippretenda r-rifużjoni tal-benefiċċji soċjali li tħallsu lill-appellanta fuq għadd ta' snin, bir-riżultat li hija ma setgħetx tipprepara appell effettiv fis-sottomissjonijiet li għamlet quddiem l-Arbitru. L-appellanta qalet li l-mod kif inhi redatta l-ittra li ntbagħtet lilha, turi li d-deċiżjoni fil-konfront tagħha ttieħdet b'mod leġġer, u mingħajr konsiderazzjoni tal-fatt li bit-talba tiegħu d-Direttur Ġenerali appellat jista' jitfa' persuna fis-sitwazzjoni tagħha fi stat ta' faqar. L-appellanta qalet li hija sfat ippreġudikata għaliex min-naħa tagħha kellha tillimita l-aggravji tagħha għal dawk proċedurali u preliminari, u ma setgħet tressaq l-ebda aggravju dwar il-mertu, għaliex ir-raġuni għalfejn hija qegħda tintalab tirrifondi l-Għajnuna Soċjali li ngħatat fuq perijodu ta' żmien, ma ġietx spjegata lilha.

21. Il-Qorti qieset dan l-aggravju fit-tul, partikolarment wara li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu ddeċieda li l-appellanta ma sfatx preġudikata b'dan in-nuqqas fl-ittra li ntbagħtet lilha mill-appellat. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li l-investigazzjoni tad-Dipartiment u tad-Direttur Ġenerali appellat inbdiet wara żewġ rapporti anonimi li saru fil-konfront tal-appellanta, li kienu jgħidu li hija qegħda tgħix ma' raġel f'dar f'Ħaż-Żabbar, u li qegħda taħdem billi tgħaqqad il-pupi tal-*Playmobil.* Kien abbażi ta' dawn ir-rapporti li skattat l-investigazzjoni mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fir-rigward tal-appellanta. Din il-Qorti f'appelli oħrajn, kemm-il darba esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-mod kif qegħdin jinbdew l-investigazzjonijiet tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-konfront ta' persuni li jkun ġie deċiż li għandhom bżonn l-għajnuna soċjali. Il-Qorti hija tal-fehma li investigazzjonijiet bħal dawn m'għandhomx jinbdew abbażi ta' rapporti anonimi li jsiru fil-konfront ta' persuna, iżda għandu jkun hemm sistema strutturata u regolata li permezz tagħha l-bżonnijiet ta' persuni li jkunu f'xi żmien jikkwalifikaw għall-għajnuna soċjali minħabba f'xi sitwazzjoni partikolari li jkunu għaddejjin minnha, jiġu evalwati mill-ġdid, sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna għandhiex tibqa' intitolata għal dik l-għajnuna. Iżda minflok sistema strutturata, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jagħżel li joqgħod fuq rapporti anonimi, li ma jkunx magħruf b'liema intenzjoni jkunu saru u minn min, u fuq investigazzjoni li ssir billi l-benefiċjarju tal-għajnuna jiġi maħsud bi spezzjoni ta' żewġ spetturi, u jintalab juri daru u l-ħwejjeġ personali tiegħu waqt '*fishing expedition'* għall-provi kontra l-benefiċjarju tal-għajnuna.

22. Dan huwa proprju dak li ġara fil-każ odjern. L-appellanta ġiet maħsuda biż-żjara ta' żewġ uffiċjali tad-Dipartiment, li fir-rapport tagħhom iddettaljaw

saħansitra l-fatt li din f'xi ħin kienet akkumpanjata minn persuna minuri, u kien biss wara li hija fetħet kull kexxun u kull gwardarobba fid-dar tagħha, li hija ġiet infurmata li l-informazzjoni li d-Dipartiment kellu informazzjoni li l-appellanta kienet qegħda taħdem bi qliegħ billi tgħaqqad il-pupi tal-*Playmobil.* Għal din l-allegazzjoni, l-appellanta wieġbet li hija ma tistax tgħix biss bir-*relief,* u li kienet ilha madwar sentejn tgħaqqad dawn il-pupi.

23. Minkejja li l-appellat kellu dan ir-rapport investigattiv fil-pussess tiegħu li tlesta f'Novembru 2019, fl-ittra li bagħat lill-appellanta, dan naqas milli jagħti dettalji dwar ir-raġuni għalfejn hija ntalbet tirrifondi lura l-benefiċċji soċjali li kienet tħallset fuq medda ta' snin, u kien biss fl-ewwel seduta quddiem l-Arbitru, li l-appellanta ġiet mgħarrfa bir-raġuni vera għalfejn hija kienet qegħda tintalab tirrifondi lura l-għajnuna soċjali li hija ngħatat matul is-snin. F'dan l-istadju, l-appellanta kienet diġà intavolat l-appell tagħha quddiem l-Arbitru, fejn qalet li ma kienx minnu li hija tgħix mas-sieħeb tagħha, u li l-ħwejjeġ ta' persuna maskili li nstabu fid-dar tagħha kienu ta' binha, u mhux tas-sieħeb tagħha. Il-Qorti, wara li qieset l-mod li bih tmexxew il-proċeduri quddiem l-Arbitru, tqis li n-nuqqas tad-Direttur Ġenerali appellat li jispeċifika r-raġuni għat-talba tiegħu fl-ittra li bagħat lill-appellanta, jikser ir-regola bażika tal-proċedura, illi fit-tħaddim tal-liġi amministrattiva, għal kull deċiżjoni li tittieħed trid tingħata raġuni. Xi ħaġa li f'dan il-każ ma saritx, tant hu hekk li l-appellanta bbażat id-difiża tagħha fuq premessi kompletament żbaljati, stante li hija ġiet infurmata informalment li l-investigazzjoni dwarha saret minħabba suspetti li hija qegħda tgħix mas-sieħeb tagħha. Is-serjetà titlob li l-affarijiet ma jsirux b'dan il-mod. M'għandux ikun li d-Dipartiment li jamministra l-għajnuna soċjali fil-pajjiż, jiftaħ

investigazzjoni abbażi ta' rapporti anonimu, u lanqas għandu jkun li persuna li evidentement kienet jew għadha tikkwalifika għall-għajnuna soċjali, tintalab tirrifondi s-somma ta' aktar minn ħdax-il elf Euro mingħajr ma tiġi infurmata speċifikament għal liema raġuni qegħda tintalab tagħmel dan. L-Arbitru ma kellux jiddeċiedi li l-appellanta ma ġietx ippreġudikata bil-fatt li fl-ittra li bagħat l-appellant lill-appellanta, hija ma ngħatatx ir-raġuni għad-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha. Evidentement l-appellanta sfat preġudikata, tant hu hekk li hija ressqet appell quddiem l-Arbitru sabiex tikkontesta d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha, liema appell inevitabbilment kien nieqes minn dettalji dwar il-mertu tat-talba li saritilha. Kien biss fl-ewwel udjenza quddiem l-Arbitru, li l-appellanta ġiet infurmata li l-appellat sejjes id-deċiżjoni tiegħu li hija għandha tirrifondi lura l-benefiċċji soċjali li tħallsu lilha fuq medda ta' kważi erba' snin fuq informazzjoni anonima li kellu li hija qiegħda taħdem bi qliegħ. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-appellanta li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, fejn dan qiegħed jippretendi li ssir ir-rifużjoni ta' somma konsiderevoli ta' flus mingħand persuna li kienet, u jista' jkun li għadha, tikkwalifika għall-għajnuna soċjali, ittieħdet b'ċerta 'leġġerezza', u mingħajr ma ntweriet l-ebda konsiderazzjoni umana għas-sitwazzjoni li hija tinsab fiha. L-anqas ħaġa li kien mistenni li jagħmel id-Direttur Ġenerali appellat, kienet li jiżgura li fl-ittra li ntbagħtet lill-appellanta ikun hemm ir-raġunijiet kollha għalfejn kienet qegħda tintalab tirrifondi l-benefiċċji soċjali li hija ngħatat matul is-snin. Dan ma sarx u l-ittra ntbagħtet mingħajr ebda motivazzjoni, filwaqt li kien hemm tentattiv biex dan l-iżball evidenti jiġi rettifikat wara li kienu diġà nbdew il-proċeduri quddiem l-Arbitru. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[il-prova miġjuba mid-Direttur Ġenerali appellat]*

24. L-appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tagħha d-Direttur Ġenerali appellat ma ġabx provi suffiċjenti li hija kienet qegħda taħdem bi qliegħ, u meta saret l-ispezzjoni fid-dar tagħha la nstabu l-ħwejjeġ tal-allegat sieħeb tagħha u lanqas instabu pupi tal-*Playmobil.* Minkejja dan, fir-rapport investigattiv esebit ingħad mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li l-appellanta kienet ammettiet magħhom li hija tagħmel dan ix-xogħol.

25. Il-Qorti kkonsidrat li l-ispetturi tad-Dipartiment appellat għamlu spezzjoni fid-dar tal-appellanta abbażi ta' informazzjoni anonima li waslet għandhom, sabiex jaraw jekk isibux provi jekk hija tgħix flimkien mas-sieħeb tagħha, jew li hija taħdem. Mill-investigazzjoni li saret fid-dar tal-appellanta, ma jirriżultax li nstabu ħwejjeġ tas-sieħeb tal-appellanta, u lanqas ma nstab xi ħjiel li l-appellanta tagħmel xi xogħol ta' twaħħil ta' pupi tal-Playmobil. Barra minn hekk id-Direttur Ġenerali appellat naqas milli jtella' rappreżentant tal-kumpannija *Playmobil* jew tal-kumpannija li tqassam ix-xogħol tat-twaħħil tal-pupi, sabiex jixhdu dwar jekk l-appellanta tagħmilx xi xogħol għalihom. Mix-xhieda mogħtija mill-appellanta u minn familjari tagħha, jirriżulta li hija oħt l-appellanta li taħdem xi xogħol għall-*Playmobil*, u mir-rendikont tad-dħul ippreżentat minn oħt l-appellanta, jirriżulta li d-dħul tagħha minn dan ix-xogħol huwa wieħed verament minimu, tant hu hekk li f'sena partikolari, id-dħul kien ta' ftit aktar minn elf Euro f'sena sħiħa. L-appellanta spjegat li oħtha tħalli dan ix-xogħol fid-dar tal-ġenituri tagħhom, u xi drabi hija toqgħod tqatta' l-ħin

tgħaqqad dawn il-pupi sakemm tkun għand il-ġenituri tagħha, u hija ma tesiġi l-ebda ħlas mingħand oħtha għal dan ix-xogħol, għalkemm oħtha ġieli tagħmlilha xi xirja.

26. Il-Qorti tqis li meta d-Direttur Ġenerali appellat qiegħed jitlob ir-rifużjoni ta' somma li għal persuna li tiddependi fuq l-għajnuna soċjali hija waħda sostanzjali, il-prova li kellha tinġieb mid-Direttur Ġenerali appellat li l-appellanta qegħda taħdem bi qliegħ, kellha tkun waħda ferm aktar soda minn sempliċi allegata ammissjoni li ngħad li għamlet l-appellanta meta ġiet maħsuda mill-Ispetturi li ħabtu l-bieb tad-dar tagħha, u ffaċċjawha bl-allegazzjoni li hija tagħmel xogħol bi qliegħ ta' twaħħil tal-pupi. Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 qegħdin hemm biex jiġu osservati, u f'każijiet bħal dawn id-Direttur Ġenerali appellat irid joqgħod ferm attent għall-mod kif jamministra l-fondi pubbliċi u kif titqassam l-għajnuna soċjali. Iżda din il-Qorti tqis li t-talba għar-rifużjoni ta' ammont sostanzjali ta' flus mingħand l-appellanta, għaliex allegatament hija ammettiet li tagħti daqqa t'id lil oħtha bit-twaħħil tal-pupi tal-Playmobil, hija miżura drastika ħafna, partikolarment meta mill-atti jirriżulta xi dħul kellha oħt l-appellanta minn dan ix-xogħol. Din il-Qorti, filwaqt li tifhem li d-Direttur Ġenerali appellat għandu funzjoni importanti x'jaqdi fil-ħarsien tal-fondi pubbliċi li huwa jamministra, m'għandux ikun li persuni bħall-appellanta jispiċċaw f'sitwazzjoni ta' faqar, fejn lanqas biss ikun ġie ppruvat għal liema tul ta' żmien l-appellanta kienet ilha tgħin lil oħtha, u dan minkejja li l-appellat qiegħed jippretendi rifużjoni tal-benefiċċji soċjali mħallsa lilha b'effett minn Frar tal-2017.

27. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li s-sitwazzjoni tal-appellanta għandha tiġi mistħarrġa mill-ġdid mid-Direttur Ġenerali appellat, u filwaqt li d-deċiżjoni mibgħuta lill-appellanta fis-16 ta' Jannar, 2020, u kkonfermata mill-Arbitru qegħda tiġi rrevokata u kkanċellata, għandha ssir evalwazzjoni mill-ġdid mill-appellat tas-sitwazzjoni tal-appellanta, sabiex jekk jinstab li hija tista' taħdem u li m'għandhiex għalfejn tiddependi aktar fuq l-Għajnuna Soċjali, ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet opportuni f'dan ir-rigward.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, filwaqt li qegħda tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tas-16 ta' Jannar, 2020 fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tad-Direttur Ġenerali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**